# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 40/01mm**

**Calbros Limited**

**Vs**

**Joseph u Josephine konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm422.84) bilanc minn somma akbar ta' Lm1480, skond ftehim li kien sar fis-17 ta' Novembru, 1999, (Dok A), rapprezentanti prezz ta' oggetti relatati ma' madum u kamra tal-banju mibjugha u ikkonsenjata

lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom stess, kif jixdhu anke erba’ kambjali datati lkoll l-10 ta’ Novembru, 1999, innumerati minn numru 11 san-numru 14, ilkoll fil-valur ta’ mija u hames liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm105.71) kollha accettati u iffirmati mill-konvenuti (Dok B).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid u Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mal-kawza, , u bl-imghax kummercjali mid-data tal-ftehim tas-17 ta’ Novembru, 1999, sad-data tal-pagament effettiv. kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-28 ta’ Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.